Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Novembru 2026
(OR. en)

14949/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0334(NLE)

AELE 96
FL 55
ISL 64
N 96
MI 1068
ENER 699

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda tal-Annessi IV (Enerġija) u XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/…

ta' …

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea,
fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
dwar emenda tal-Annessi IV (Enerġija)
u XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

[1] ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1994/2894/oj.

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[2] (il-"Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jemenda, fost l-oħrajn, l-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE.

(3) Huwa xieraq li r-Regolament (UE) Nru 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi IV (Enerġija) u XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan.

---

[2] ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/1994/1/oj.

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2008/92/KE (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1952/oj).

(5) L-att previst se jorbot lill-partijiet f'konformità mal-Artikoli 103 u 104 tal-Ftehim ŻEE.

(6) Huwa għalhekk xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda tal-Annessi IV (Enerġija) u XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Anness IV (Enerġija) u l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

Għall-Kunsill
Il-President